# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 28 ta' Jannar 2016

Rikors Guramentat Nru. 235 / 14RGM

Kawza fil-lista: 8

**A B C**
**vs**
**D E F**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fil-21 ta' Ottubru 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI

1. Illi- l-attrici flimkien ma' D E F kellha relazzjoni illi damet sitt (6) snin u illi minnha huma kellhom tifel, G E F, illi twieled fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010);

2. Illi D E F huwa rikonoxxut bhala missier il-minuri G E F hekk kif jidher mic-Certifikat tat-Twelid esebit fl-atti tal-medjazzjoni;

3. Illi minkejja illi l-attrici dejjem kienet fidila lejn D E F, dan ta' l-ahhar insista illi isir id-DNA test fuq il-minuri G E F hekk kif twieled u dan hekk kif jidher mid-dokument hawn anness, esebit 'animo ritirandi' u mDat bhala Dok. A. ;

4. Illi r-relazzjoni ta' bejnietom tkissret minhabba htija ta' D E F f'Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012);

5. Illi D E F ilu jghix gewwa l-Ingilterra mis-sena elf disgha mija u tmienja u tmenin (1988) filwaqt li l-minuri ilu jghix Malta flimkien ma' l-attrici mit-twelid tieghu;

6. Illi l-attrici kienet awtorrizata tipprocedi b'din l-istanza permezz tad-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat disgha (9) ta' Ottubru tas-sena 2014, u illi jgib in-numru 2233/14;

7. Illi kemm matul it-tqala u kemm wara t-twelid tal-minuri, l-attrici ma sabet l-ebda sostenn min-naha ta' D E F hlief ghall-ammont ta' mitejn u tmenin (280) Ewro fix-xahar bhala manteniment li D E F ilu jhallas ghal dawn l-ahhar ghaxar xhur ghal-minuri u dawn apparti nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri. Sakemm il- minuri kellu tlett (3) snin D E F kien ihallas manteniment ta' mitejn (200) Ewro fix-xahar ghal-minuri;

8. Illi n-nuqqas ta' sostenn min-naha ta' D E F lejn l-attrici rigward il-minuri kien ta' weggha kbir ghaliha specjalment minhabba l-fatt illi hu jzur Malta biss darbtejn fis-sena u jdum biss ftit jiem li matulhom jippretendi li jixtri l-imhabba tal-minuri G E F permezz ta' gugarelli, hwejjeg u affarijiet ohra li jgiblu mieghu mill-Ingilterra.

9. Illi hekk kif jidher mid-dokument hawn anness, esebit 'animo ritirandi', permezz ta' skrittura privata datata ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) l-attrici u D E F qabblu illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata f'idejn l-attrici filwaqt illi D E F ikollu access ghall-minuri biss meta jzur Malta;

10. Illi minkejja d-diversi tentattivi min-naha ta' l-attrici sabiex tilhaq ftehim bonarju skond it-talbiet indikati f'dan ir-rikors guramentat rigward il-minuri G E F ma' D E F, dan ta' 1-ahhar ma kkoperax u minhabba f'hekk kellha ssir din il-kawza;

11. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati hurna kollha a diretta konoxxenza ta' 1-attrici.

B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI

12. Illi ghalhekk l-attrici qieghda taghmel din il-kawza sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirregolarizza l-kwistjonijiet rigward il-minuri G E F skont it-talbiet indikati f'dan ir-rikors guramentat.

C. TALBIET ATTRICI

Ghaldaqstant l-attrici, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob illi dina 1-Onorabbli Qorti joghgobha: -

1. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri G E F esklussivament lill-attrici;

2. Tirrestringi l-access ta' D E F fil-granet u l-hinijiet ta' meta jkun hawn Malta fis-sens illi l-access isir it-tnejn u l-hamis mis-6.30pm sas-7.30pm u jiltaqaw wara l-bieb tal-muzew minn meta l-minuri jkollu l-muzew, u l-kumplament tal-granet tal-gimgha mill-4.30pm sas-7.00pm;

3. Minghajr pregudizzju ghal-premess, tordna illi tali access isir fil-presenza ta' D E F u possibilment anke ta' ommu Rose F;

4. Minghajr pregudizzju ghal-premess, tordna illi jekk D E F izur Malta fil-birthday tieghu (30 ta' Settembru) u/jew ta’ ommu (1 ta' Ottubru) il-hinijiet ta' dawn il-granet ikunu mill-4.30pm sas-7pm;

5. Dejjem minghajr pregudizzju ghal-premess, tordna illi sleepovers tal-minuri ma' D E F ma jsirux u l-minuri dejjem jorqod ma' l-attrici;

6. Tordna illi rigward komunikazzjoni permezz ta' mezzi bhal Skype biex ikun hemm kuntatt bejn il-minuri u D E F, dan ta' 1-ahhar ghandu jinforma lill-attrici li jixtieq ikun hemm tali komunikazzjoni mill-inqas hames (5) sighat qabel il-hin li fih ikun se jsehh il-kuntatt u dan biex l-attrici tkun tista tipprepara l-iskeda taghha u tilhaq tkun fuq il-post flimkien mal-minuri biex isehh dan il-kuntatt;

7. Tiffissa r-retta alimentari xierqa pagabbli minn D E F favur l-attrici bhala manteniment ghall-minuri tenut kont tal-fatt illi huma diga' qabblu illi tali retta alimentari tkun ta mitejn u tmenin (280) Ewro li jithallsu fix-xahar flimkien ma nofs l-ispejjez straordinarji, dawk ta' edukazzjoni u sahha minn D E F u jizdiedu kull sena skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja;

8. Tordna lill-D E F jiddepozita tali flus fil-kont bankarju numru 40011373841 BOV Savings;

9. Tiddikjara illi l-attrici tkun esklussivarnent intitolata li tircievi c-children's allowance jew kwalunkwe beneficcju socjali pagabbli lill-kap tal-familja;

10. Tordna illi l-manteniment jieqaf malli l-minuri jaghlaq it-tmintax-il sena, jew f'dik id-data li jibda jahdem fuq bazi full time, skond liema data tigi 1-ewwel. u tali manteniment jizdied awtomatikament kull sena skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja u jibqa sa' l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jekk ikun f'istituzzjoni ta' taghlim;

11. Tordna illi rigward l-ispejjez ghal possibbli dhul tal-minuri go skola privata, dawn ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-genituri tal-minuri;

12. Tordna illi rigward passaport, il-minuri ghandu jkollu passaport separat ghalih u l-attrici wahidha u minghajr il-htiega tal-kunsens ta' D E F tista tapplika u tottjeni l-hrug ta' passaport separat ghal-minuri kif ukoll iggedded il-passaport tieghu, u tali passaport jinzamm ghandha u dan specjalment minhabba illi D E F jghix barra minn Malta;

13. Tordna illi l-attrici tista issiefer lill-minuri minghajr l-approvazzjoni ta' D E F filwaqt li l-minuri ma jkunx jista jsiefer ma' D E F minghajr l-approvazzjoni bil-miktub ta' l-attrici;

14. Tiddikjara illi rigward il-presenza ta' terzi persuni li jkunu parti mill-hajja ta' l-attrici, il-minuri jistajkun fil-presenza taghhom lejl u nhar.

Bl-ispejjez kontra D E F li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u huma intizi biss biex icahhdu lill-intimat minn relazzjoni fruttifera minn ma' ibnu G E F.

2. Illi l-ftehim ta' bejn il-kontendenti huwa rregolat bl-iskrittura dokument C fil-process datat 20 ta' Novembru 2012 u huwa dejjem hallas il-manteniment ghal ibnu kull xahar ammontanti ghal €280 fix-xahar oltre illi huwa jixtrilu hafna hwejjeg, gugarelli u l-bzonnijiet li huwa jkollu meta jkun Malta u jkun mieghu.

3. Illi D F huwa ta' nisel Malti stante li ommu hija Maltija waqt li missieru huwa cittadin Brittanniku u l-imsemmi D F huwa cittadin Malti. Huwa jahdem u jghix l-Ingilterra pero' jigi Malta darbtejn fis-sena ghal perjodu ta' gimghatejn kull sena.

4. Illi meta l-intimat ikun barra minn Malta, huwa jixtieq illi jkun jista' jikkomunika ma' ibnu permezz ta' Skype ghal inqas ta' erba' darbiet fil-gimgha ghal perjodu ta' nofs siegha/ siegha kull darba.

5. Illi huwa jippretendi illi meta huwa jkun Malta, huwa ghandu jkollu access liberu ghal ibnu oltre li ghandu jigi moghti l-fakolta' wkoll li jiehu lil ibnu ghal btajjel l-Ingilterra ghal Milied, l-Ghid u fil-perjodu tas-sajf ghal zmien u hinijiet kif stabbiliti minn din il-Qorti jew bi ftehim bejn il-partijiet.

6. Illi l-ispejjez medici uta' edukazzjoni ghal binhom G E F huma gratuwiti f'Malta u ghalhekk l-intimat m'ghandux jigi mgieghel ihallas ghal dawn l-ispejjez waqt li 1-€280 manteniment huwa bizzejjed ghal manteniment tal-minuri li ghandu jigi sostnut sia mill-missier kif ukoll mill-omm.

7. Illi huwa m'ghandux oggezzjoni li jiddeposita l-manteniment fil-kont 40011373841 mal-Bank of Valletta plc.

8. Illi huwa ma jistax ihallas iktar ghat-tifel minuri stante illi huwa jahdem bhala driver mal-Posta tal-Ingilterra u l-paga tieghu wara li tigi mnaqqsa t-taxxa, il-kera, il-poll tax u ghixien normali, ma jifdallu xejn.

9. Illi din il-kawza qieghda ssir biex icahhad lil intimat minn access ghal ibnu meta huwa jkun Malta u biex huwa ma jkunx jista' jsiefru ghax tippretendi illi hija ghandu jkollha d-drittijiet kollha fuq binhom u hu m'ghandu jkollu xejn.

10. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici tat-8 ta' Gunju 2015.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut tal-14 ta' Ottubru 2015.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

Mill-provi mressqa jirrizulta illi l-partijiet kienu f'relazzjoni ghal madwar sitt snin, minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri G E F fid-29 ta' Novembru 2010 u fis-sena 2012 ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet tkissret.

L-attrici tirrisjedi Malta flimkien mal-minuri filwaqt li l-konvenut jirrisjedi gewwa r-Renju Unit.

Il-kawza odjerna tirrigward l-kura u kustodja tal-minuri, hlas ta' manteniment ghall-minuri kif ukoll il-modalita' tal-access tal-genitur li mieghu il-minuri ma jirrisjediex.

L-attrici qed titlob li tinghata l-kura u kustodja esklussiva fuq il-minuri filwaqt li l-konvenut qed jitlob li l-kunsens tieghu ikun mehtieg fid-decizzjonijiet

straordinarji li jikkoncernaw l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri kif ukoll fl-eventwalita' li l-attrici tkun trid titrasloka ghal pajjiz iehor bil-minuri.

Ikkunsidrat.

**Setgha ta' Genitur – Kura u Kustodja – Residenza tal-Minuri – Access.**

Meta minuri jirrisjedi ma' genitur f'gurisdizzjoni filwaqt li l-genitur l-iehor jirrisjedi f'gurisdizzjoni ohra, jehtieg li jigi determinat jekk dak l-hekk imsejjah 'non custodial parent' ghandux ikun partecipi fid-decizzjonijiet li jirrigwardaw lill-minuri. Filwaqt li f'cirkostanzi ideali huwa dejjem desiderabbli li mhux biss iz-zewg genituri jippartecipaw b'mod ugwali fid-decizzjonijiet li jirrigwardaw lil uliedhom izda wkoll li jkunu prezenti b'mod ugwali fil-hajja u fit-trobbija tal-istess uliedhom. Sfortunatament fil-maggorparti tal-kazi li jitresqu quddiem il-Qorti tal-Familja dan ma hux possibbli. Fil-kaz odejrna il-fatt li l-missier jirrisjedi fl-esteru jinnecessita konsiderazzjonijiet partikolari ghall-kaz li jwasslu lil din il-Qorti tikkonkludi illi fil-kaz odjern ghandha ssir distinzjoni bejn decizzjonijiet li rigwardaw is-sahha tal-minuri, decizzjonijiet li jirrigwardaw l-edukazzjoni tal-minuri u decizzjonijiet li jirrigwardaw is-safar tal-minuri.

Il-konvenut jaqbel li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun f'idejn l-attrici pero' kif gia' osservat supra qed jitlob li jinghata d-dritt jippartecipa fid-decizzjonijiet l-aktar saljenti li jolqtu lill-minuri.

Wara li l-Qorti ikkonsidrat is-sottomissjonijiet u l-provi mressqa mill-partijiet fir-rigward hija tal-fehma li l-kura u kustodja tal-minuri, ossia s-setgha ta' genitur, ghandha tkun affidata f'idejn l-omm u maghha jirrisjedi bil-modalita' u bil-kondizzjonijiet segwenti.

**Access**.

Sallum l-access tal-missier versu l-minuri, li llum ghandu hames snin, jigi ezercitat meta l-missier jigi Malta u dan dejjem fil-presenza tal-omm. Il-missier qed jitlob illi l-access m'ghandux ikun fil-presenza tal-omm u ghandu jinghata access liberu meta jkun Malta inkluz li jkun hemm 'sleepovers'. L-omm mhiex topponi ghal access ampju fil-jiem li l-konvenut ikun Malta.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-access tal-missier m'ghandux jibqa' jigi ezercitat fil-presenza tal-omm. Il-minuri llum ghandu hames snin. Il-hin limitat li jkollu ma' missieru ghandu jkun fil-presenza ta' missieru fl-assenza ta' ommu. Wasal iz-zmien ukoll li l-access ikun jinkludi sleep overs.

Minhabba ir-relazzjoni hazina bejn l-attrici u omm il-konvenut, il-Qorti qed tordna illi fil-bidu u fi tmiem l-access il-konvenut m'ghandux ikun akkumpanjat minn terzi.

**Sahha tal-Minuri**.

Il-Qorti hi tal-fehma illi decizzjonijiet dwar is-sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu mill-attrici qua "custodial parent" anke ghaliex diversi drabi jigri illi dwar dawn il-materji jkun mehtieg li jittiehdu decizzjonijiet urgenti jew fi zmien qasir hafna. Ma jkunx fl-interess tal-minuri illi tali decizzjonijiet jigu mtawla possibilment ix-xhur konsegwenza tal-fatt li ma jkunx hemm qbil bejn il-genituri u l-omm tkun kostretta tipprezenta rikorsi l-Qorti li jkunu jridu jigu notifikati lill-konvenut fl-esteru.

**Edukazzjoni tal-Minuri**.

Dwar l-edukazzjoni tal-minuri jirrizulta mill-atti illi l-attrici qed titlob li l-minuri jibda jattendi fi skola privata jew tal-knisja. Filwaqt li l-missier m'ghandux oggezzjoni li l-minuri jibda jattendi skola tal-knisja mhux tal-istess fehma fir-rigward ta' skola privata u dan peress illi filwaqt li l-iskejjel tal-knisja huma essenzjalment b'xejn salv kontribuzzjonijiet volontarji, dawk privati jinvolvu mizati elevati. Peress li l-Qorti ser tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni tal-minuri il-missier ghandu jippartecipa fid-decizzjoni li l-minuri jattendi skola privata. Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi illi fir-rigward ta' skejjel tal-Knisja l-attrici qed tinghata l-awtorita' esklusiva li tapplika sabiex it-tifel jidhol fi skola tal-Knisja, izda sabiex il-minuri jibda jattendi skola privata jkun mehtieg il-kunsens taz-zewg genituri u fin-nuqqas ta' ftehim il-partijiet ghandhom jitolbu decizzjoni tal-Qorti.

**Safar tal-Minuri**.

Fir-rigward tas-safar tal-minuri irid jintahaq bilanc fl-interess tal-minuri bejn fuq naha wahda safar ghal perijodu qasir bhal per ezempju vaganza matul il-vaganzi tas-sajf jew gita organizzata mill-iskola fejn jattendi l-minuri u fuq naha ohra traslokar tal-minuri minn Malta ghal pajjiz fl-esteru b'mod permanenti. Filwaqt illi huwa fl-interess tal-minuri li ta' l-ewwel ithallew fid-decizzjoni tal-omm akkordata l-kura u kustodja esklussivament, mhux l-istess fir-rigward tat-tieni eventwalita' . Hija l-fehma tal-Qorti illi decizzjoni daqstant importanti fil-hajja tal-minuri bhal ma hi t-traslokar tieghu minn pajjiz ghall-iehor ghandha tkun soggetta ghall-kunsens taz-zewg genituri u fin-nuqqas il-kaz ghandu jitressaq quddiem il-Qorti.

**Manteniment**.

Dwar il-quantum tal-manteniment jirrizulta mill-atti li hemm qbil. Il-missier ghandu jhallas lill-omm bhala manteniment tal-minuri s-somma ta’ mitejn u tmenin ewro (€280) fix-xahar oltre nofs l-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha. Effettivament dan hu l-ammont li l-attrici stess qed titlob fis-seba’ talba taghha.

**Spejjez Gudizzjarji**.

Tenut kont li l-ebda parti ma hi sokkombenti fid-decizzjoni hawn mehuda l-Qorti qed tiddeciedi li l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li qed takkolji parzjalment l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif fuq spjegat, qieghda tiddisponi mit-talbiet attrici bil-mod segwenti:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri G E F esklussivament lill-attrici bil-kondizzjonijiet fuq spjegati taht l-intestaturi Setgha ta’ Genitur – Kura u Kustodja – Residenza tal-Minuri - Access, Sahha tal-Minuri u Edukazzjoni tal-Minuri;

2. Tilqa’ parzjalment it-tieni talba. Tordna li l-konvenut ghandu jezercita access versu l-minuri G E F fil-granet u l-hinijiet ta' meta jkun hawn Malta nhar ta’ Tnejn u nhar ta’ Hamis mis-6.30pm sat-8.00 pm f’liema dati l-konvenut jigbor lill-minuri minn hdejn il-bieb tal-MUSEUM fejn it-tifel jattendi, nhar ta’ Tlieta, l-Erbgha u l-Gimgha mill-4.30pm sas-7.00pm. Meta l-mawra tal-missier f’Malta tkun tinkludi granet fi tmiem il-gimgha l-access ghandu jinkludi sleep over mill-Gimgha fis-6.00 pm sas-Sibt fis-6.00 pm jew mis-Sibt fis-6.00 pm sal-Hadd fis-6.00 pm. Il-missier ghandu jiehu hsieb illi jigbor it-tifel fil-bidu tal-access u jirritornah ghand l-omm fi tmiem l-access. Waqt l-access tal-missier l-omm m’ghandhiex tkun prezenti sakemm ma jkunx hemm qbiel bejn il-partijiet konfermat bi skambju ta’ emails jew sms’s.

3. Tichad it-tielet talba.

4. Tilqa’ parzjalment ir-raba’ talba u tordna illi jekk D E F izur Malta fil-birthday tieghu (30 ta' Settembru) u/jew ta’ ommu (1 ta' Ottubru) u dawn il-granet jahbtu it-Tnejn jew il-Hamis, il-hinijiet ta’ l-access tal-missier f’dawn il-granet ikunu mill-4.30pm sas-7pm;

5. Tichad il-hames talba.

6. Tilqa' s-sitt talba u tordna li waqt li l-missier ma jkunx Malta huwa ghandu l-fakolta' li jikkomunika mal-minuri b'wiehed mill-mezzi tal-media socjali ghal nofs siegha kull jum b'dan illi ghandu javza lill-attrici li jixtieq ikun hemm tali komunikazzjoni mill-inqas hames (5) sighat qabel il-hin li fih tkun ser issehh il-komunikazzjoni.

7. Tilqa' s-seba' talba. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghall-minuri G E F s-somma ta' mitejn u tmenin Ewro (€280) fix-xahar oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha liema manteniment jizdied kull sena skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja;

8. Tilqa' t-tmien talba u tordna lill-D E F jiddepozita l-manteniment douvt fil-kont bankarju numru 40011373841 BOV Savings intestat f'isem l-attrici;

9. Tilqa' d-disa talba u tiddikjara illi l-attrici hi intitolata li tircievi c-children's allowance jew kwalunkwe beneficcju socjali pagabbli lill-kap tal-familja fir-rigward tal-minuri;

10. Tilqa' parzjalment l-ghaxar talba u tordna illi f'kaz li l-minuri jibqa' jistudja full-time wara li jaghlaq tmintax-il sena u sakemm jaghlaq tlieta u ghoxrien sena l-manteniment ghandu jibqa' jithallas.

11. Tilqa' l-hdax-il talba bil-kondizzjoniijiet gia fuq decizi.

12. Tilqa' parzjalment it-tnax-il talba kif deciz taht l-intestatura Safar tal-Minuri. Tawtorizza lill-omm tapplika wahedha minghajr il-htiega tal-firma tal-missier ghall-passaport tal-minuri inkluz tigdied tal-istess.

13. Tilqa' parzjalment l-erbatax-il talba bil-mod kif fuq spjegat that l-intestatura Safar tal-Minuri.

14. Tilqa' l-erbatax-il talba.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**